# *potuit, decuit, ergo fecit*
# 150 sena mid-definizzjoni tad-domma ta' l-Immakulata

Nhar it-8 ta' Diċembru 2004 jaħbat il-150 anniversarju minn meta l-Papa Piju IX, bil-bulla *Ineffabilis Deus*, idefinixxa d-domma tal-Konċepiment Immakulat ta' Marija Santissma: *"L-Imqaddsa Verġni Marija, sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, bi grazzja u favur singulari ta' Alla li jista' kollox, f'ġieħ il-merti magħrufin minn qabel ta' Ġesù Kristu, is-Salvatur tal-bnedmin kollha, kienet għal kollox ħielsa minn kull tebgħa tad-dnub tan-nisel."*



Għad li d-definizzjoni ta' din id-domma hija relattivament riċenti meta mqabbla ma' l-elfejn sena ta' storja li għandha l-Knisja, it-twemmin f'dan il-misteru jmur lura ferm aktar minn hekk. Sa mill-ewwel sekli, fi tradizzjoni bla qtugħ u f'ċirkustanzi li mhux dejjem kienu faċli, l-insara



*San Tumas t'Aquino*

emmnu li ma setax ikun li Marija, Omm Alla magħmul bniedem, kienet qatt, imqar għal ftit waqtiet, imtebbgħa bid-dnub. U dan it-twemmin, erba' snin biss wara d-definizzjoni ta' Piju IX, ġie kkonfermat minn Marija nnifisha meta qalet lil Bernadette Soubirous, nhar il-25 ta' Marzu 1858, "Que soy era Immaculada Councepciou" — "Jiena l-Immakulata Kunċizzjoni."

### Ħarsa fil-qosor lejn l-istorja

Il-Knisja fit-tagħlim tagħha għarfet sa minn kmieni li l-"mimlija bil-grazzja" (Lq 1, 28) kienet imżejna bi privileġġi singulari. San Irinew, fis-seklu III, sejjaħ lil Marija "Eva l-ġdida", dik li bl-ubbidjenza tagħha ħassret id-diżubbidjenza ta' Eva. Fis-seklu ta' wara, San Efrem tas-Sirja, għad li ma nqediex bl-espressjoni "l-Immakulata Kunċizzjoni", talab hekk lil Kristu: "Int u ommok waħedkom tassew sbieħ minn kullimkien." Santu Wistin ukoll



*ikompli f'paġna 15*

*ikompli minn paġna 13*



*Il-Beatu Ġwanni Duns Scotus*

iddikjara li Marija kienet ħielsa mid-dnub, imma ma qalx jekk kinetx ukoll meħlusa mid-dnub oriġinali.

Il-konċepiment tal-Madonna ilu jiġi ċċelebrat fil-Knisja tal-Lvant sa mis-Seklu VII, iżda l-festa tal-Konċepiment Immakulat tagħha, jiġifieri li Marija sa mill-ewwel mumenti tat-tnissil tagħha kienet għal kollox meħlusa minn kull tebgħa tad-dnub, bdiet tiġi ċċelebrata għall-ewwel darba fl-Ingilterra, probabbilment għall-ħabta tas-seklu XI, anke qabel l-invażjoni Normanna. Għalkemm minn hemm xterdet fi Franza kollha, fil-Medju Evu nqalgħet kwistjoni li heddet bis-serjetà lil din il-festa.

Il-kwistjoni, maqlugħa minn teoloġi ta' stoffa bħal San Bernard ta' Clairvaux u San Tumas t'Aquino, kienet li min iżomm li Marija kienet imnissla mingħajr dnub ikun qiegħed jeħodha kontra l-verità tal-fidi li Ġesù Kristu huwa s-salvatur waħdieni tal-bnedmin kollha, għax lil Marija ma jkunx salvaha. Għalhekk, dawn l-għorrief ma kinux tal-fehma li din il-festa tibqa' tiġi ċċelebrata. Kien bis-saħħa tal-Franġiskani li l-kwistjoni ssolviet, mhux biss għax fil-Kapitlu Ġenerali tagħhom, fl-1263, qatgħuha li jibqgħu jiċċelebraw il-festa nhar it-8 ta' Diċembru, imma wkoll għax kien teologu Franġiskan li ġab l-argumenti li solvew l-oġġezzjoni mqajma minn San Bernard u minn San Tumas.

Ġwanni Duns Scotus, li, kif jixhed laqmu, kien Skoċċiż, sostna li t-twemmin fil-Konċepiment Immakulat tal-Madonna ma jmurx kontra l-verità li Kristu huwa s-Salvatur tal-bnedmin kollha, inkluża Marija. Huwa qal li Marija ġiet salvata wkoll, bid-differenza li lilha Kristu ħelisha *qabel* flok wara li ttebbgħet bid-dnub. Ir-redenzjoni, fil-każ tal-Madonna, kienet *pre-redenzjoni*. Fi kliem sempliċi, Kristu salva lil Marija billi ma ħallihiex tiċċappas bid-dnub. L-espressjoni tiegħu dwar dan baqgħet tissemma, "potuit, decuit, ergo fecit"—"kien possibbli, kien xieraq, mela hekk sar". Skond Scotus, ir-redenzjoni ta' Marija hija grazzja iktar ta' l-għaġeb u perfetta minn tal-bnedmin l-oħra.

Il-kwistjonijiet ġew fi tmiemhom b'digriet tal-Papa Alessandru VII, *Sollicitudo omnium ecclesiarum*, fl-1661. Madanakollu d-domma ma ġietx definita qabel nofs is-seklu XIX bil-bulla ta' Piju IX.

**Illum**

U dan il-misteru x'rabta għandu ma' ħajjitna llum? It-teologu Bruno Forte f'intervista qal: "Il-Konċepiment Immakulat juri s-sehem ewlieni ta' Alla fl-Istorja. Alla għażel lil Marija sa mill-bidu taż-żmien. Huwa jippreċedi l-azzjonijiet, il-ħsibijiet u l-għażliet tal-bnedmin... Id-domma ta' l-Immakulat Konċepiment hija, fl-opinjoni tiegħi, l-aktar domma msejsa fuq l-evanġelju fost id-dommi Kattoliċi kollha. Hija d-duttrina tal-primat tal-grazzja. Bil-Konċepiment Immakulat tagħha, il-Verġni Marija turina l-importanza li nħallu lilna nfusna nħobbu u naħdmu f'Alla skond il-pjan ta' mħabba li għandu għal ħajjitna."

Alla għandu pjan ta' mħabba għall-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. Bħal Marija, ejjew inħalluh iwassal il-ħajja tagħna għall-milja tagħha billi nikkoperaw mas-salvazzjoni li ġabilna Ġesù, billi naħarbu d-dnub u ngħixu fil-grazzja u l-ħbiberija ta' Alla. Jekk nagħmlu dan, inkunu tassew devoti ta' Marija u jkun jixirqilna nissieħbu fit-tradizzjoni twila ta' nsara li, għal sekli sħaħ, taw qima lill-Konċepiment Immakulat ta' Marija Santissma.

Joseph Buttigieg

